# 60 Sena ilu miet Mro. Carlo Diacono - Tislima

**Kitba: Frans Zahra**



Fil-15 ta' Ġunju 1942 miet fir-residenza tiegħu, Ħal Lija, Mro. Carlo Diacono. Mro. Diacono kien joqgħod Ħal Lija wara li kaġun tal-gwerra, bħal ħafna, kellu jħalli l-Belt Valletta (oħrajn ukoll il-Kottonera) biex isib kenn mill-qilla tal-gwerra. Carlo Diacono kellu jħalli raħal twelidu iż-Żejtun u mar joqgħod il-Belt Valletta, wara li miet Mro. Paolina Vassallo, u l-Arċisqof ħatru Maestro di Cappella tal-Katidral mingħajr kontestazzjoni.

Kaġun ta' ljieli sħaħ li kienu jgħaddu fl-umdita` tax-xelter, Carlo ħa bronkite. Tul it-tlett ġimgħat u waqt l-akbar attakki mill-ajru fuq l-ajrudrom ta' Qali, ma naqsux li kienu jmorru jarawh surmastrijiet bħal Pawlu Nani, u Vincenzo Ciappara. L-istess kien jagħmel Carmelo Abela, li kien idoqq prim vjolinist (u ġieli dderieġa minflok Carlo). Abela kien jidderieġi wkoll l-orkestra taċ-Ċirkolu Santa Katarina "tal-Laċċi", u ġieli wkoll tad-Domus Sagra Familja, it-tnejn fiż-Żejtun. Abela kien jgħaddi siegħat ma' Carlo. Fl-14 ta' Ġunju, lejliet li miet waqt raids kontinwi fuq ta' Qali, mar jarah, għall-aħħar darba, il-Professur Xuereb, li għannaq lis-Surmast. Dak il-ħin, bintu, Marija, fehmet li l-Papa` tagħha ma kienx tajjeb, u allura hi bagħtet għall-kappillan Lia, li mar jassistih. Fl-4 ta' filgħodu l-kappillan mar biex jagħmillu l-aħħar sagramenti. Carlo kien batut ħafna minn nifs, imma b'vuċi baxxa talab lil Alla bil-qalb. Talab ukoll lil Sant'Antnin – li kellu kwadru tiegħu, viċin, u lil Sant'Antnin talbu biex jghinu, filwaqt li fakkru li kien kitiblu t-Transitu: Mro. Carlo f'kull paġna li kiteb, fl-aħħar kien jiffirma "Ġesu, Ġużeppi, Maria." Marija, bintu kienet bagħtet għal ħutha permezz ta' ċertu kurunell Vella, li kien joqgħod quddiemhom, iżda meta dawn waslu, Mro. Carlo kien diġa` miet. Kienu t-8.15 a.m. Kellu 66 sena. Kif xterdet l-aħbar li kien miet, id-dar intliet bin-nies, speċjalment minn dawk konnessjoni mal-mużika, fosthom is-surmastrijiet: Pawlu Nani, Vzo. Ciappara, Muscat Azzopardi u Abela Scolaro u Clo. Abela. Ta' min jgħid ukoll li waqt li kien qed jittrapassa, maġenbu kien hemm ukoll ċertu Giovanni Farrugia, u qabel miet, għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħodu kien qal l-aħħar talb.

L-għada sar il-funeral taħt forma privata. Ir-raids ma naqsux. Barra uliedu akkumpanjawh bosta nies. Għall-ewwel il-ħsieb kien li l-funeral jibqa' sejjer lejn "San Girgor" għad-difna fil-qabar tal-familja (li jinsab fiċ-ċimiterju msejjaħ "Ta' Santu Rokku". Iżda ġara li ħuh il-kbir, Tittu, li kien marid (iżda kontra l-parir li kellu) flimkien ma' nies oħra miż-Żejtun, u ma' l-Arċipriet irranġa biex ħuh jitqiegħed "in state' fl-Oratorju tas-Sagrament (li hemm maġenb il-knisja parrokjali), u bosta kienu n-nies minn kull naħa ta' Malta li marru jagħtuh l-aħħar tislima. Waqt li kienu sejrin bih għad-difna, u hekk kif waslu quddiem l-Istitut Ġesu' Nazzarenu, inqala' air raid. Ir-reffiegħa riedu jieqfu, iżda mitluba minn nies komplew it-triq lejn iċ-cimiterju, u kif daħluh fil-kamra li hemm maċ-Ċimiterju, dabbru rashom.....anqas dehru.

F'għeluq ix-xahar minn mewtu kienet saret quddiesa de requiem Nru. 3, bil-famuża Dies Irae, taħt id-direzzjoni ta' ibnu Frankie, fil-Knisja parrokkjali taż-Żejtun. Mużiċisti u kantanti offrew sehemhom bla ħlas. Kienu preżenti diversi rappreżentanti ta' diversi knejjes li tagħhom Mro. Carlo Diacono kien Maestro di Cappella, kif ukoll tal-baned Maltin. Il-Banda Beland kienet esegwit programm mużikali b'tifkira tiegħu, filwaqt li l-poeta Nazzjonali, Dun Karm, kien kiteb poeżija f'ġietu, li silta minnha tgħid:

*"...Il-mewt ħatfitek, ilu sena; sieket*
*Ġo qabar ċkejken qiegħed issa, u l-ebda*
*Kelma ta' mħabba minn di n'nagħsa tqila*
*ma tista' tqajmek.*

*Dawk in-noti ħelwin li tnisslu minnek*
*Hawn għadhom jiżfnu fuq il-qabar tiegħek*
*Kif jagħmel dawk ta' l-Omm fuq il-benniena*
*ta' tfajjel rieqed"*

## B'TIFKIRA TIEGĦU....

Naraw bust tal-bronż mad-dar (28 Pjazza Gregorio Bonnici) fejn twieled. Ilum ħanut tax-xagħar – id-dar li mhux twieled fiha, iżda għex u kkompona uħud mill-aqwa xogħolijiet mużikali. Il-bust inawgurat il-Ħadd 19/11/1967, hu tifkira ħajja ta' apprezzament mill-poplu Żejtuni, xogħol l-iskultur Vzo. Apap. Bust ieħor, din id-darba, xoghol ta' artist żagħżugħ Żejtuni, Sandro Debono (li kien offra servizz tiegħu bla ħlas) qiegħed f'post ċentrali fil-każin Beland, fejn Carlo mhux biss kien bandist, iżda aktar tard kien ukoll Surmast ta' l-istess banda. Il-bust kien inawgurat fis-7/6/1992, fil-preżenza ta' uliedu u tbierek mill-ex Nunzju l-Arċisqof Emle Gerada (dak iż-żmien bit-titlu ta' Isqof) neputih. Dak in-nhar filgħaxija fis-sala tal-Junior Lyceum taż-Żejtun (tal-bniet) saret akkademja Mużika Letterarja taħt il-patroċinju ta' l-E.T. il-President ta' Malta (Dr. Censu Tabone) u bil-parteċipazzjoni tal-banda Beland. Medaljun (wiċċu) tal-bronż narawh ukoll fuq salib wiesgħa, iżda sempliċi li fin-nofs tiegħu hemm xbieha ta' wiċċ Ġesu' nkurunat. Dan is-Salib hu parti mill-monument fuq qabru.

B'tifkira tiegħu l-Liċeo tal-Bniet taż-Żejtun, sa mis-sena 1988, ingħata l-isem ta' dan il-kompożitur Żejtuni. Mis-sena 1967, Pjazza tal-Bon Kunsill, fejn mill-1995 għandna t-terminus tal-karozzi tal-linja (qabel kienu l-pjazza G. Bonnici) saret magħrufa "Pjazza Carlo Diacono". Fl-1990, kienet ħarġet CD – sponsorjata minn ulied Carlo: Maria Falzon, Rosa armla ta' ibnu l-perit Orazio, u Mro. Frankie (ibnu, illum mejjet ukoll). CD, bl-isem: FESTA ANTIPHONS tikkonsisti f'antifoni diversi li kiteb Carlo, esegwiti mill-Kor ta' San Ġiljan u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġwann Galea bis-sehem tat-tenuri Elias Cassar, Arthur Micallef u Anthony Montebello (baxx). U la qed insemmgħu l-mużika, b'tifkira tiegħu, nirreferu wkoll għall-Innu "A Santa Caterina" għal tenur, baxx u kor ta' tfal, li Carlo kien immużika għall-kliem li kiteb il-poeta Żejtuni tant mistenni, li bih il-Banda Beland tagħlaq l-ewwel parti tal-programm ta' lejliet il-festa. L-istess għamel Mro. Carlo Diacono, għall-innu "O Santa Verġinella" – kliem ta' Carmelo Mifsud Bonnici – il-Gross, li hu proprjeta' tal-każin "Tal-Lacci", filwaqt li l-Banda Żejtun ukoll għandha innu ad unur ta' Santa Katarina, fuq mużika ta' Carlo, iżda b'arranġament tas-surmast tal-banda, J.J. Pace, versi ta' Trevor Zahra. Iżda bla dubju l-qofol tal-mużika ta' Mro. Carlo Diacono, li tkompli tfakkarna f'dan il-ġenju mużikali Żejtuni, hi dik li matul il-jiem tal-festa nisimgħu fil-funzjonijiet liturġiċi, fil-knisja.

**Ħajr: Lis-Sinjura Marija Falzon, bint Mro. Carlo Diacono, għat-tagħrif li għadditilna.**

*Nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2002 fis-6.30 p.m. fil-Knisja Parrokjali l-Antika (Ta' San Girgor) se ssir quddiesa konċelebrata b'suffraġju għal ruħu. Għal din l-okkażjoni se tiġi esegwita l-quddiesa 'De Requie Nro. 3' imexxi l-orkestra Dun Ġwann Galea. Il-membri imħeġġa lil jattendu.*

**The Detergent Shop**

*Issibu kull tip ta' Detergent b'varjeta kbira ta' ditti rinomati taħt saqaf wieħed*

Triq Salvu Cacciattolo, Ġebel San Martin, Żejtun
Tel: 7926 0740

*Staqsi għas-servizz tad-DISCOUNT BONUS CARD*